VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,294, 8 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 271 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(10) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolanenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 123.79

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Skema għal Residenti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2013.

Temenda r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

2. Il-paragrafu (ċ) tar-regola 7 tar-regoli prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta' "proprjetà mixtrija li tikkwalifika" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "proprjetà mixtrija li tikkwalifika" tfisser proprjetà immobbli mixtrija:

(a) wara l-14 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2013 għal korrispettiv ta' mhux inqas minn erba' mitt elf euro (€400,000);

(b) wara l-1 ta' Lulju, 2013, għal korrispettiv ta' mhux inqas minn:

(i) bla ħsara għas-subparagrafu (ii), mitejn u ħamsa u sebgħin elf euro (€275,000) għal proprjetà li tinsab f'Malta; jew

(ii) mitejn u għoxrin elf euro (€220,000) għal proprjetà li tinsab f'Għawdex jew fin-nofsinhar ta' Malta;";

(b) minflok it-tifsira ta' "proprjetà mikrija li tikkwalifika" fgħandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "proprjetà mikrija li tikkwalifika" tfisser

VERŻJONI ELETTRONIKA

proprjetà mikrija għal:

(a) jekk il-kirja bdiet bejn l-14 ta' Settembru, 2011 u t-30 ta' Ġunju, 2013, mhux inqas għoxrin elf euro (€20,000) fis-sena;

(b) jekk il-kirja bdiet minn jew wara l-1 ta' Lulju, 2013:

(i) bla ħsara għas-subparagrafu (ii), disat elef u sitt mitt euro (€9,600) fis-sena għal proprjetà li tinsab f'Malta; jew

(ii) tmint elef u seba' mija u ħamsin euro (€8,750) fis-sena għal proprjetà li tinsab f'Għawdex jew fin-nofsinhar ta' Malta;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "proprjetà mixtrija li tikkwalifika" għandha tiżdied it-tifsira li ġejja:

"nofsinhar ta' Malta" tfisser l-area b'konfini stabbiliti kif imsemmi fit-Tieni Skeda għall-Att dwar il-Kunsilli Lokali tal-lokalitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;". Kap. 363.

Iżżid Skeda mar-regoli prinċipali.

3. Fl-aħħar tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"SKEDA

(Regolament 2)

Lokalitajiet għall-fini tat-tifsira ta' "nofsinhar ta' Malta"

Birgu

Birżebbuġia

Bormla

Fgura

Għaxaq

Gudja

Isla

Kalkara

Kirkop

Luqa

Marsaxlokk

Mqabba

Qrendi

Raħal Ġdid

Safi

Santa Luċija

Siġġiewi

Tarxien

Wied il-Għajn

Xgħajra

Żabbar

Żejtun

Żurrieq".